**K U N S I L L   L O K A L I   K A L K A R A**
1 BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI, KALKARA
WEBSITE: www.kalkaralocalcouncil.com TEL: 21665500
EMAIL: kalkara.lc@gov.mt FAX: 21665566

**Seduta Nru:** 05-10

**Data:** 25 ta' Mejju 2010

**Hin:** 17.45p.m

**Post:** Ufficcju tal-Kunsill Lokali

**Membri Prezenti :** Michael Cohen - Sindku
Norbert Grech - Vici Sindku
Maria Sultana – Kunsilliera - Skuzata
Speranza Chircop - Kunsilliera
Roderick Mizzi – Kunsillier

**Minuti** :

**1. Approvazzjoni tal-Minuti.**

Il-Minuti tas-seduta nru; 4 kienu approvati unanimanet fuq proposta tas-Sindku is-Sur Michael Cohen u sekondati mill-Vici Sindku s-sur Norbert Grech.

**2. Mill-Minuti:-**

2.1 Dwar it-tindifa fl-Iskola Primarja, is-sindku s-sur Michael Cohen qal li peress li hemm ammont konsiderevoli ta' xoghol xi jsir u dan jiswa ammont konsiderevoli ta' flus ghandu jsir ftehim mal-iskola bil-miktub peress li l-art taqa taht ir-responsabbilta' tal-iskola.

2.2 B'referenza ghall-problema tal-hruq tan-nar ghall-festa tal-lokalita, is-sindku informa lill-Kunsill li saret laqgha maz-zewg kazini u mal-kappillan fejn giet diskussa s-sitwazzjoni. Il-Kunsill qabel li m'huwiex se jaghmel oggezzjoni dwar il-hruq tan-nar qabel ma jinghata t-twegiba tal-entitajiet ohrajn involuti, fejn wara ir-risposta tal-entitajiet jipprocedi skond ic-cirkostanzi.

2.3 Dwar il-laqgha tal-Ghaqda Muzikali San Guzepp mas-Sindku din ghandha ssir fiz-zmien li qarib.

2.4 Il-Kunsilliera Speranza Chircop ipproponiet li ssir bhal plakka kommemorattiva li titwahhal fil-post fejn nizel il-Papa' Benedittu XVI mal-wasla tieghu fix-Xatt tal-Kalkara. Is-sindku qal li diga bdew diskussjonijiet biex isir monument li jfakkar l-okkazjoni tal-migja tal-Papa f'Malta.

2.5 Triq Gdida fi triq il-Konvoj Santa Marija hdejn Smart City- is-Sindku qal li minkejja l-isforz ma l-Awtoritajiet sabiex jinghata t-tarmak tant mistenni di baqghet ma saretx bit-tarmac.

2.6 Centru Civiku – Is-Sindku nforma lill-Kunsill li saret il-laqgha mad-Direttur tal-Edukazzjoni Michelin Sciberras, fejn gew diskussi l-pjanijiet u l-pjanti tal-Kunsill ghal dan ic-centru. L-entitajiet prezenti ghal din il-laqgha ghandhom jiddiskutu l-proposti tal-Kunsill u wara jintbghat abbozz bil-kundizzjonijiet minn naha tal-Ministeru tal-Edukazzjoni.

## 3. Korrispondenza

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li Triq Santu Rokku se tkun maghluqa ghat-traffiku minhabba xoghol ta' thaffir u tqeghid ta' cables tal-Enemalta, permess 1178/2007. Il-Kuntrattur ser ihaffef kemm jista x'xoghol biex johloq l-anqas inkonvenjent lir-residenti tal-madwar.

## 4. Sejha ghall-offerti ghad-dwal fl-isqaqien

L-offerta ghal dan ix-xoghol intefghet minn tlett kuntratturi, Nexos Lighting, Anton Zarb u Lawrence Zammit. Il-Kunsill qabel li jaghzel l-orhos wahda anke minhabba l-fatt li tip ta' fanal intghogob hafna u huma ta` kwalita tajba u koperti bil-garanzija necessarja.

## 5. Approvazzjoni ta' Estimi Finanzjarji ghas-sena 2009.

Wara z-zjara tal-Awdituri tal-Gvern, il-Kunsill Lokali gie b'deficit ta' 17,164 ewro, dan minhabba li tnaqqsu l-ammonti ta' flus dovuti lill-Kunsill. Fost it-tnaqqis kien ammont konsiderevoli ta' citazzjonijiet dovuti lill-Kunsill, kif ukoll ammonti dovuti mill-Water Services Corporation. In vista ta' dan ser jintbghatu l-ittri mill-avukat lill-dawk l-individwi li kellhom citazzjonijiet antiki pendenti u baqghu ma hallsuhomx.

## 6. Attivitajiet

Dwar l-attivita b'risq Puttinu il-Vici Sindku s-Sur Norbert Grech qed jaghmel l-arrangamenti mehtiega ghall-Car Show, kif ukoll ser tigi organizzata tellieqa mill-istess karozzi fl-area tal-Bajja ta' Rnella.

## 7. Xogholijiet

Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Bus Shelter ta' fejn il-Housing Estate ta' Rnella issa kwazi tlesta u intghogob hafna mir-residenti specjalment dawk li jaghmlu uzu frekwenti minnu. Ser jitkompla jinzebah il-hajt ta' fejn l-istess bus shelter. Qed jinzebah il-hadid tal-bajja ta' Rnella u qed jitranga ic-cint ta' Triq l-Isptar Navali. Il-bir ta' fejn il-knisja parrokjali tlesta u tpoggiet il-herza.

## 8. Nfieq

Giet approvata l-lista ta' nfieq bin-numru 05/2010

## 9. Aggornament

**9.1** Il-Kunsilliera s-Sinjura Speranza Chircop ghaddiet dawn il-punti:

9.1a Saret talba minn xi residenti ta' Triq Patri Mattew Sultana sabiex jithawwlu fjuri jew pjanti gol-flowerbeds .
9.1b Triq Giovanni Ricasoli kantuniera ma Triq Patri Mattew Sultana tnehhiet it-tabella tal-one way minn xi individwu u hemm arblu bla tabella. Sabiex terga titwahhal.
9.1c Kors taz-zfin fic-Centru Parrokjali, ser jibda fil-21 ta' Lulju .
9.1d Jitpoggew pots zghar fi Triq Santa Filumena.

M.Cohen
Sindku

S Galea Iriele
Seg Ezekuttiv